# 100 Sena mill-Ordinazzjoni Episkopali tal-Isqof Angelo Portelli O.P.

Angelo Portelli twieled il-Belt Valletta, f'April 1852. Huwa ħaddan l-Ordni Dumnikan fl-1868 u kien magħruf bħala reliġjuż mill-aktar osservanti li jħobb il-ħajja fil-kunvent, l-istudju u l-appostolat. Wara li temm l-istudji tiegħu, ġie ordnat saċerdot f'Novembru 1874. Il-predikazzjoni kienet l-aktar ħaġa għal qalbu bħala saċerdot.

Wara li wettaq diversi ħidmiet fil-Provinċja Dumnikana u fid-Djoċesi ta' Malta, Mons. Portelli ġie kkonsagrat Isqof fl-14 ta' Mejju 1911. Dan l-Isqof ta' ħajja qaddisa, għen ħafna, bħala Isqof Awżiljarju, lill-Arċisqof Pietru Pace u meta dan miet fl-1914, l-Isqof Portelli ġie nominat Amministratur Appostoliku tad-Djocesi ta' Malta sakemm, fl-1915, Dom Mauro Caruana O.S.B. laħaq Arċisqof ta' Malta. Fl-isess sena, Portelli sar Vigarju Ġenerali.

L-Isqof Portelli, saċerdot mill-aktar umli u li kellu mħabba kbira lejn il-fqar u l-ħaddiem,



rabat ismu mal-Parroċċa tal-Isla meta hu, flimkien mal-Isqof Giovanni Maria Camilleri O.S.A., Isqof ta' Għawdex, assista lill-Arċisqof Dom Mauro Caruana fl-Inkurunazzjoni solenni tal-istatwa ta' Marija Bambina, fix-Xatt tal-Isla nhar l-4 ta' Settembru 1921 *(l-ewwel wieħed mil-lemin fir-ritratt).*